Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Mag. Juris (Eur Law)
Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Sandro Gatt)

(Spettur Neville Aquilina)

vs

Mark Mifsud

Illum 26 ta’ Settembru, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fuq imsemmi Mark Mifsud, iben Joseph u Dolores nee Gatt imwieled fil-25 ta’ Marzu, 1971 u detentur tal-karta tal-identita 193071M, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-18 ta’ Mejju 1999 u f’din l-ahhar sena qabel din id-data :

(a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-

droga, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordnanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzu (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u mingahjr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u mingahjr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina u kokajina, specifikati fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta'

l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

(c) U aktar talli huwa ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Frar, 1998 u aktar talli huwa sar recediv b'sentenza li saret definittiva mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28.11.94;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez illi kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali maghmula bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha ressaq lill-imputat fuq imsemmi quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat il-kontr'ordni tal-Avukat Generali tat-3 ta' Jannar, 2000 maghmula bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 u l-Artkolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) li permezz taghha ordna li l-imputat fuq imsemmi jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza u ghalhekk baghat lil din il-Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni maghmulin kontra il-fuq imsemmi imputat;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-imputat, debitament assistit, volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2002;

Taqta u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, issib lill-istess imputat hati ta' l-istess imputazzjonijiet, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikolu 8, l-Artikolu 22 subartikolu (2) paragrafu (b) subparagrafu (1), l-Artikolu 31 u 32 tal-Kap. 101, ir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, in-Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939, is-Sitt taqsima tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, kif ukoll ir-Raba' u s-Sitt Taqsimiet tal-Kapitolu 101 u l-Artikoli 49, 50 u 533 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi qabel ma tghaddi biex taghti l-piena l-Qorti sejra tikkonsidra s-segwenti fatti - l-imputat fuq imsemmi tressaq il-Qorti fid-19 ta' Mejju, 1999 u l-kaz beda jinstema quddiem il-Magistrat Dr Joseph Cassar. Il-kawza baqghet tinstema mill-Magistrat Cassar sad-19 ta' Jannar tas-sena 2000 meta l-Magistrat Cassar astjena milli jkompli jisma l-kaz fuq talba tad-difiza u l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta. Illi matul il-perjodu kollu illi l-Magistrat Cassar dam jisma din il-kawza huwa qatt ma accetta d-diversi

talbiet illi sarulu mid-difiza sabiex jakkorda l-helsien mill-arrest lill-imputat.

Illi d-difiza kienet ghamlet ukoll rikors ghall-helsien mill-arrest tal-imputat quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imhallef, illum Prim Imhallef Vincent Degaetano kienet cahdet dik it-talba tad-difiza permezz ta' digriet illi tat fid-9 ta' Settembru, 1999, liema digriet jinsab a fol. 154 tal-process. Dana kollu qieghed jinghad sabiex jigi ribattut dak illi qalet id-difiza fit-trattazzjoni taghha a fol. 214 tal-process fis-sens illi meta kienet qeghda tinstema l-kumpilazzjoni l-imputat lanqas kien talab li jinghata l-liberta provvizorja u talabha biss meta l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta illi fil-fatt laqghet it-talba tal-imputat sabiex jinghata l-helsien mill-arrest u dan permezz ta' digriet moghti fis-27 ta' Jannar tas-sena 2000.

Illi l-imputat fuq imsemmi irregistra l-ammissjoni tieghu fil-31 ta' Mejju ta' din is-sena, jigifieri kwazi tlett snin wara li inbeda dan il-process.

Illi l-imputat fuq imsemmi ghandu fedina penali refrettarja u preokkupanti ferm li tikkonsisti f'disa' faccati. L-imputat kien inghata diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex

jirriforma ruhu u dana fl-1994 meta gie ikkundannat tmintax il-xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin. Madanakollu huwa baqa ghaddej fil-hajja kriminali tieghu. Fl-1998 l-imputat rega' inghata piena ta' tmintax il-xahar prigunerija sospiza ghal erba' snin. Nonostante dan huwa ikkommetta fil-fatt dawn ir-reati u dan matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza u moghtija fis-26 ta' Frar tas-sena 1998. L-imputat fuq imsemmi wera ghalhekk car u tond illi ma riedx jibbenefika mill-opportunitajiet illi tawh il-Qrati taghna sabiex jirriforma ruhu u ma jibqax ghaddej bil-kummissjoni ta' reati.

Illi l-pulizija kienu mexxew fuq dan il-kaz fuq informazzjoni anonima illi kienet dahlitilha fis-sens illi l-imputat fuq imsemmi kien imdahhal fit-traffikar ta' droga u kien ikun spiss fl-inhawi ta' Wied il-Ghajn. Fuq din l-informazzjoni, l-pulizija kienu bdew isegwu lill-imputat u rawh diehel fi flat Wied il-Ghajn. Il-pulizija dahlu f'dan il-flat fejn sabu lill-imputat flimkien ma certa Annabelle Camilleri u ma certu Joseph Gatt. Saret tfittxija mill-pulizija fuq il-persuni ta' Mark Mifsud u ta' Joseph Gatt li irrizultat fin-negattiv. Saret ukoll tfittxija fil-flat. Minn fuq il-persuna ta' Mark Mifsud, l-imputat, giet elevata s-somma ta' mitejn seba' u hamsin lira (LM257) flus in kontanti. Minn tfittxija li saret fil-kamra tas-sodda fuq gwardarobba il-pulizija sabet baskett tal-plastik u

f'dan il-basket sabu kaxxa tal-kartun li fiha kien hemm tlett boroz tal-plastik trasparenti, tnejn minnhom kbar u wahda zghira. Tnejn minn dawn il-boroz kienu jikkontjenu trab kulur kannella u l-ohra kienet tikkontjeni sustanza bajda. Peress illi l-pulizija issuppettaw li din is-sustanza kienet droga saret Inkjesta Magisterjali.

Illi l-imputat fuq imsemmi kien irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn kien ammetta illi s-sustanza li kienet sabet il-pulizija kienet droga kokaina u eroina. Huwa qal illi l-kokaina kienet iebsa peress illi kienet pura u qal illi l-kokaina kienet ilha ghandu madwar tlett gimghat, filwaqt illi l-eroina kienet ilha ghandu madwar gimgha. Huwa kien xtara madwar hamsin gramma kokaina ghall-prezz ta' hamsa u tletin lira (LM35) -il gramma u kien xtara xi hamsin gramma eroina ghall-prezz ta' tletin lira (LM30) il-gramma.

Illi l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu illi gieli ha l-kokaina u ha wkoll l-eroina u beda ibiegh id-droga eroina peress illi kien gie minghajr flus, izda wara kien biegh ukoll il-kokaina, kif ukoll l-eroina. Ghall-ewwel beda jbiegh bi ftit, izda wara beda jbiegh <u>b'ammonti kbar</u>. L-imputat qal ukoll fl-istqarrija tieghu illi ma xtaqx jizvela mal-pulizija l-isem tal-persuna li minghandha kien xtara d-droga kokaina u d-droga eroina. Huwa qal illi huwa kien xtara d-droga kokaina, kif ukoll id-

droga eroina minghand l-istess persuna.

Illi mix-xhieda ta' Joseph Gatt irrizulta illi Joseph Gatt, illi jigi kugin tal-imputat, kien jaf illi l-imputat kien izomm ammonti ta' droga fil-fond f'Wied il-Ghajn.  Gatt xehed ukoll illi dakinhar li gie arrestat huwa kien hareg mal-imputat bil-karozza, kienu marru hdejn ragel, waqfu hdejh.  Dan ir-ragel ghadda xi flus lill-imputat u l-imputat kien tah l-eroina. Sussegwentement marru fuq ragel iehor illi ta xi flus lill-imputat peress illi kellu jaghtih il-flus.  Joseph Gatt qal illi l-imputat kien jaghtih id-droga b'xejn peress illi huma kienu hbieb sew.  Gatt qal illi huwa kokaina ma jiehux ghaliex ma jigix sick.

Illi mix-xhieda ta' Annabelle Camilleri irrizulta illi l-imputat kien imur fil-flat taghha kwazi kulljum u rigward id-droga li instabet fil-kamra tas-sodda taghha hija qalet illi hija ma kellha xejn x'taqsam ma din id-droga peress li din id-droga eroina u kokaina kienet tal-imputat.  Hija qalet li kienet rat lill-imputat gej b'kaxxa u ratu jiftah din il-kaxxa u jipprepara madwar tlett boroz bl-eroina.  Kif lesta mill-kaxxa tad-droga halliha fil-kcina u hi harget mieghu, peress illi l-imputat kien talabha sabiex taghmel hekk.  L-ewwel marru z-Zejtun fejn intaqghu ma wiehed jghidulu il-bilbel u lil dan l-imputat tah borza wahda bl-eroina li kien fiha b'madwar hmistax il-

gramma u l-bilbel ta lill-imputat is-somma ta’ mija u sebghin lira (LM170). Wara marru fejn is-showroom ta’ Montebello fejn hemm triq li tmur ghal Hal-Ghaxaq. Hemmhekk iltaqghu ma wiehed li jghidulu l-bummer u hi rat lil bummer jiehu borza bl-eroina minghand l-imputat u ta din ma kienx hallsu. Wara marru fejn ir-Ramla taz-Zejtun fejn l-imputat kien ftiehem li jiltaqa ma certu Donald, izda kif kienu sejrin cempel il-mobile tal-imputat u Donald kien qal lill-imputat li kien ra lill-pulizija tas-CID. Wara, l-imputat kien rega’ cempel lil Donald u marru l-Marsa hdejn is-Save On u l-imputat ta borza lil Donald bl-eroina. Donald hallas madwar mija u tletin lira (LM130), izda Donald kien baqghalu jaghti xi mitejn u sebghin lira ohra lill-imputat. Ix-xhud qalet illi maghhom kien hemm ukoll Joseph il-Witney. Kif lestew minn dawn it-tlett postijiet regghu marru lura l-flat fejn kien hemm certu Graziel u Marco l-imputat tah gramma droga. Wara l-imputat kien informa lil Annabelle Camilleri li kien ser ihalli l-kaxxa bid-droga fil-kamra taghha. Annabelle Camilleri xehdet ukoll illi hija kellha l-problema tad-droga u dak iz-zmien l-imputat kien jaghtiha l-eroina minghajr flus. Ix-xhud qalet ukoll illi kienet ilha tohrog mal-imputat madwar xahrejn u nofs. Annabella Camilleri xehdet illi kienet qeghda taghraf mizien tal-marka Tanita illi kien gie elevat mill-flat taghha mill-pulizija meta ghamlu r-raid in kwistjoni.

Illi l-Ispizjar Mario Mifsud mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fl-Inkjesta Magisterjali ezamina l-basket tal-plastik li go fih kien hemm kaxxa tal-kartun u f'din il-kaxxa tal-kartun kien hemm borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm blokki ta' sustanza bajda, borza zghira tal-plastik trasparenti bi trab kannella go fiha, borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm trab kannella u diversi oggetti ohrajn kif deskritti fir-relazzjoni tieghu li tinsab a fol. 60 sa fol. 78 tal-process. L-Ispizjar Mifsud wasal ghall-konkluzzjoni li fl-estratt li gie mehud minn bicca plastik ta' lewn ahdar car li kien hemm fid-dokument 99 BBS 02 instabu fih tracci ta' eroina. Li t-trab il-kannella li kien hemm fid-dokument 99 BBS 01, f'ammont nett totali ta' 56.2 grammi, instabet fih is-sustanza eroina u li fil-blokki ta' sustanza bajda li kien hemm fid-dokument 99 BBS 01 f'ammont nett totali ta' 50.1 grammi, instabu fihom is-sustanza kokaina.

Illi irrizulta wkoll mill-provi tal-Prosekuzzjoni illi Josette Camilleri, Social Worker, kienet saret taf illi Godwin Genovese kien qieghed jsegwi lill-imputat fuq imsemmi illi kien jattendi Gubbio House. L-imputat kien qieghed sejjer tajjeb, pero' umbaghad gie arrestat fuq dan ir-reat. Mistoqsija jekk kienx ghaddej xi programm, Josette Camilleri wiegbet illi l-imputat kien ghamel perjodu twil

jattendi Gubbio House mal-mara tieghu u jiehu counseling. Fil-fatt dam jaghmel hekk xi sena. Josette Camilleri xehdet illi hija qeghda titkellem biss minhabba x-xewqa illi uriet il-mara tal-imputat sabiex Josette Camilleri tixhed il-Qorti.

Illi regghet xehdet Josette Camilleri fit-22 ta' Gunju tas-sena 2000, din id-darba fuq talba tad-difiza u qalet illi l-imputat kien jattendi d-detox centre tas-Sedqa f'Jannar 1997 u minn dak iz-zmien sa Mejju 1999 kien jaghmel hafna tentattivi sabiex jieqaf, pero' kien jerga jaqa ghall-problema tad-droga. Hija qalet illi l-imputat huwa "drug dependant". Kien hemm perjodu meta kien jircevi counseling u kien imur tajjeb hafna. Hija kompliet tixhed illi kellu diversi "relapses" u taf li f'Mejju tal-1999 dahal il-habs dwar dan il-kaz. Ix-xhud qalet ukoll illi minn Mejju 1999 sa Gunju 2000 l-imputat kien rega mar id-detox ghall-metodone jigifieri kien ghad hemm il-problemi.

Illi xehed Ray Grech fuq talba tad-difiza fil-25 ta' April, 2002 u qal illi l-imputat kien dahal fil-Komunita ta' Santa Marija fid-9 ta' Settembru tas-sena 2000. Kien ghamel sena hemm hekk bhala residenti u ghamel ukoll perjodu ta' hames xhur fil-programm fuq bazi semi residenzjali u f'April tas-sena 2002 l-imputat kien qieghed fil-fazi tal-'aftercare'. Ray Grech xehed illi l-imputat mexa sew hafna fil-

programm residenzjali u ittermina l-programm b’success. Huwa xehed illi illum il-gurnata l-imputat ghandu impjieg fiss, jahdem full time u baqa jattendi l-komunita fuq bazi volontarja darba fil-gimgha u meta jattendi ghal dan il-grupp huwa jorqod fil-kommunita. Ray Grech xehed illi illum il-gurnata l-imputat huwa kompletament rijabilitat.

Xehdet ukoll mart l-imputat u qalet illi illum il-gurnata zewgha huwa bniedem kompletament differenti. Ma ghadux izomm kumpanija hazina u wara x-xoghol jibqa gej dritt id-dar u ma ghadx ghandu il-problema tad-droga.

Illi d-difiza irrilevat illi l-imputat ghamel madwar sena taht arrest preventiv u ghamel sena ohra fi programm residenzjali ghar-riabbilitazzjoni mid-droga, kif ukoll hames xhur ohra fil-fazi tal-programm semi-residenzjali. Illi fil-fatt l-imputat ghamel tmien xhur u tmient ijiem taht arrest preventiv, umbaghad volontarjament beda u ittermina b’success programm ghar-riabillitazzjoni mid-droga.

Illi filwaqt illi l-Qorti sejra tikkunsidra l-fatt illi l-imputat jidher illi irriabilita ruhu mid-droga ghall-fini ta’ piena, madanakollu ma tistax tinsa il-fatt illi kif jirrizulta mill-provi u anke mill-ammissjoni tal-istess imputat fl-istqarrija illi ta lill-pulizija l-imputat kien jittraffika f’ammonti kbar ta’ eroina u kokaina.

Illi irrizulta ukoll mix-xiehda li inghatat illi f'gurnata wahda biss l-imputat innegozja dwar droga ma xi erba' persuni differenti.

Illi l-Qorti trid tikkunsidra ukoll ghall-fini ta' piena il-fatt illi d-droga misjuba meta saret ir-raid tal-pulizija kienet f'ammonti kbar. Effettivament instabu sitta u hamsin punt tnejn grammi eroina u hamsin punt wiehed grammi kokaina.

Illi l-istess imputat fl-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija stqarr illi l-kokaina kienet iebsa peress illi kienet pura.

Illi meta ghandek traffikar f'ammonti daqshekk kbar u meta instabet droga f'ammont sostanzjali ferm dawn il-fatturi iridu necessarjament jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tigi biex tapplika l-piena.

Illi l-Qorti tosserva wkoll ghall-fini ta' piena illi l-imputat ma riedx jizvela mal-pulizija l-persuna illi minghandha kien jixtri d-droga eroina u kokaina u ghalhekk huwa ma ghenx lill-pulizija sabiex tkisser dan ic-cirku ta' traffikar ta' droga.

Illi lanqas biss hemm bzonn illi jinghad minn din il-Qorti illi l-

problema tad-droga infirxet ferm f'pajjizna, fniet u qerdet il-hajja ta' diversi persuni u tal-familjari taghhom u waslet necessarjament ghal zieda fil-kriminalita' fis-socjeta' taghna.

Illi necessarjament irid jinghata messagg car mill-Qrati taghna li min jinstab hati ta' traffikar ta' droga irid jigi punit serjament u dana kemm sabiex il-piena isservi ta' detterent, kif ukoll sabiex issir gustizzja mas-socjeta'.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti filwaqt illi tirriafferma illi sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu tikkundannah prigunerija ta' sitt snin u ghall-multa ta' LM3000. Inoltre l-Qorti tordna illi s-sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Frar tal-1998 ghandha isehh u dana wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9.

Il-Qorti tordna li z-zmien kollu illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati ghandu jitnaqqas mill-perjodu ta' prigunerija fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti kollha illi gew esebiti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz u d-distruzzjoni tad-droga li giet elevata mill-Prosekuzzjoni taht is-sorveljanza tar-

Registratur tal-Qorti u dan ai termini tal-Artikolu 22 subartikolu (2) paragrafu (b) sub-paragrafu (ii).

Finalment, il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat biex jaghmel mir-Registratur tal-Qorti.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur

Vera kopja,

Deputat Registratur